TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Clint Catania
vs
John Zammit - Sound Effects

108/17/MS

2 ta' April 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Gunju 2017, fejn talab ir-rifuzjoni ta' €220.00, prezz ta' Android Box mixtri minghand il-konvenut, liema kaxxa ma kenitx dik illi ppretenda li jkollu r-rikorrent.

Ra r-risposta tal-intimat fejn cahad it-talba tar-rikorrent peress illi skond hu r-rikorrent ha l-Android Box illi ried u li ordna.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda.

Ikkunsidra

Illi fit-30 ta'Jannar tas-sena 2017 ir-rikorrent xtara Android Box minghand l-intimat ghal prezz ta' €220.00 (DokA). Xi xahrejn wara r-rikorrent mar ghand l-intimat peress illi meta pprova jara l-4K bil-kaxxa li xtara, din ma hallietux u ghalhekk mar ghand l-intimat sabiex jitlob spjegazzjoni. L-intimat spjega li r-rikorrent qatt ma qallu illi ried 4K u ghalhekk ir-rikorrent adixxa quddiem il-Konsumatur. Skond ir-rikorrent, l-intimat qallu li kien ser igiblu kaxxa tal-4K, pero talbu €30.00 tal-postagg. Ir-rikorrent irrifjuta u adixxa lil dan it-Tribunal.

Min-naha l-ohra, John Zammit, jirrikonoxxi li kien hemm differenza bejn id-DL4 u d-DX4, izda r-rikorrent qatt ma qallu specifikament li ried id-DX4. Madankollu pprova jikkuntentah billi jgiblu Android DX4 li jiswa iktar mid-DL4 u kulma talbu kien biss tletin Euro postagg. Izda r-rikorrent irrifjuta.

Jidher li r-rikorrent kien thajjar jixtri l-Android Box minghand l-intimat fuq suggeriment ta' habib tieghu u kien minnu li l-intimat kien ircieva konsenja ta' DX4 li kien qed ibieghhom bl-istess prezz bhal DL4 sakemm spiccat il-konsenja. L-intimat spicca biex qal illi d-DX4 li gab ghar-rikorrent qieghed ghandu u kien lest ibiddlu mad-DL4 wara l-hlas ta' tletin Euro postagg.

Ikkunsidra

Illi mix-xhieda prodotta mhuwiex car ezattament x'qed jippretendi r-rikorrent. Zgur illi f'Jannar 2017 xtrara Android Box minghand l-intimat izda la r-rikorrent u lanqas l-intimat ma jghidu li r-rikorrent talab specifikament ghal DX4 jew xi kaxxa ohra li taqra l-4K. L-ircevuta tal-hlas ma taghti l-ebda informazzjoni dwar it-tip ta' Android Box mixtri. Issemmi biss il-prezz ta' €220.00. Dan il-prezz huwa tad-DL4 - il-mudell li akkwista r-rikorrent. Skond id-dokumenti esebiti mill-istess rikorrent (Dok D u Dok I) fuq il-packaging jidhru cari il-kliem DL4 u ghalhekk f'dak l-istadju r-rikorrent kellu jinduna illi dina ma kenitx id-DX4 illi donnu kien qed jippretendi. Anke d-dokument C li r-rikorrent jesebixxi bhala prova favur tieghu, ma hi ta l-ebda konfort ghat-tezi tieghu, peress illi l-unika indikazzjoni li hemm fuq dak id-dokument huma l-kliem 4k u ma tghidx jekk dawn jirreferu ghad-DL jew inkella ghad-DX. Dawn id-dokumenti kif ukoll dokumenti ohra li gew esebiti kienu jezistu qabel il-bejgh u jirrisalu ghal 2015 u 2016, ikompli juru illi kienu jezistu mill-inqas tlett tipi ta' Android Boxes - DL4, DX4 u DX5, u ghalhekk ir-rikorrent kien f'posizzjoni li jaghmel ir-ricerka qabel ma jixtri.

Tajjeb jew hazin ir-rikorrent uza dan l-Android Box ghal xi xahrejn u kien biss wara li pprova jara il-4K li l-kaxxa ma hallietux. Dina mhix kwistjoni ta' xi difett latenti fil-kaxxa. Din iffunzjonat tajjeb fil-limiti taghha u kien biss li r-rikorrent rega bdielu u pprova jiehu upgrade ta' DX4 minghajr hlas. Fil-frattemp il-prezz tad-DL4 rahas u sar mitejn Euro - dina hija xi haga normali fil-kamp tat-teknologija fejn il-mudelli jinbiddlu ta' spiss u dak l-aktar antik jitrahhas fil-prezz biex jithajjar il-bejgh tieghu.

Madankollu, l-intimat wera bonavolonta' mar-rikorrent meta ssugerixxa li jgiblu DX4 u jhallas biss il-pustagg ta' tletin Euro. It-Tribunal jidhirlu li dina kienet offerta ragonevoli u vantaggjuza u ma kien hemm l-ebda raguni il-ghala ir-rikorrent ma kellux jaccettaha. Jekk ir-rikorrent rega' bdielu wara illi xtara l-oggett li ried dan missu rah dak il-hin. Il-kaxxa kienet tindika car illi l-oggett kien DL4 u fl-ebda hin ma staqsa ghal DX4. Ghalhekk hija responsabbilta' tieghu li jara x'qed jixtri u jassikura illi l-oggett li xtara huwa verament dak li ried. Bhal ma ighid id-dritt Ruman 'Caveat Emptor'.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jidecciedi illi jichad it-talba. Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru